MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Numru 31/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Cini**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Cini talli nhar it-18 ta’ Ottubru 2004 ghall-habta tas-7.15 a.m. fl-inhawi maghrufa bhala ‘Wied il-Ghasri’, Limiti ta’ l-Ghasri, Ghawdex, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux licenzja ghal dan il-ghan mharuga mid-direttur tad-Direttorat ghal Harsien ta’ l-Ambejnt fi hdan l-Awtoriata` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta’ Jannar 2005, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Cini hati skond l-imputazzjoni u kkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Jospeh Cini, minnu prezentat fl-4 ta' Frar 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' April 2005; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li hemm konflitt fil-provi fir-rigward tad-deposizzjonijiet tas-Surgent u tal-Kuntistabbli, kif ukoll li hemm insufficjenza generali ta' provi. Huwa jikkontendi li fil-hin li waslu z-zewg Ufficjali tal-Pulizija fuq il-post, ghalkemm il-mansab kien imwahhal, dan "ma kienx mifrux ma' l-art lest ghall-insib". Konsegwentement hu ma kienx qed "jipprova jiehu" ghasfur ghall-finijiet tar-regolament 7(b) ta' l-Avviz Legali 146/1993. It-tieni aggravju hu fis-sens li fil-hin li waslu l-Pulizija "l-anqas kien hemm it-tentattiv ta' reat li l-appellant ipprova jaqbad xi ghasfur". Skond l-appellant kull ma huwa kien qed jaghmel kien li jipprepara kollox ghal huh (li fit fatt tfacca fuq il-post xi hames minuti wara li waslu l-Pulizija) biex dan huh ikun jista' joqghod jonsob. Ma hux kontestat bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza li l-appellant ma kellux licenzja ghall-insib, izda li huh (George Cini) kellu.

Dwar it-tieni aggravju din il-Qorti tosserva li l-espressjoni "jipprova jiehu" ghasfur (f'dan il-kaz, "finch" ta' l-ispecji *carduelis spinus* (ekru) fil-periodu li fih jista' jsir insib ghal dawn l-ghasafar) meta l-persuna in kwistjoni jew ma jkollhiex licenzja ghal dan il-fini (regolament 10(1), A.L. 146/1993) jew meta ma jkollhiex fuqha l-identifikazzjoni jew il-licenzja mehtiega (regolament 7(b) tal-istess Avviz Legali) ma tirriferix ghan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodici Kriminali (ara f'dan is-sens ukoll **Il-Pulizija v. Joseph Vella** Appell Kriminali, 1 ta' Settembru 1995). Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed tipprova tiehu tali ghasfur li jkollha lest apparat bizzejjed u tkun qed tistenna biex, appena jitfacca l-ghasfur, tkun tista' taqbdu bix-xbiek. Fi kliem iehor, anke jekk ma jitfacca ebda ghasfur, izda jkun

hemm apparat sufficjenti ghall-insib, dik il-persuna tkun qed “tipprova tiehu”.

Ghalhekk il-kwistjoni kollha f’dan il-kaz hija jekk l-appellant – li *ex admissis* ma kellux licenzja ghall-insib – kellux jew le, fil-hin li waslu l-Pulizija (u qabel ma wasal huh) apparat sufficjenti biex appena jitfacca ekru, dan l-ghasfur ikun jista’ jinqabad. Dan igibna ghall-ewwel aggravju, u cioe` ghall-kwistjoni jekk il-prosekuzzjoni – permezz taz-zewg xhieda PS 1233 John Attard u PC 1560 Reuben Bartolo – ippruvatx dan il-fatt sal-grad rikjest f’qorti ta gustizzja kriminali.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet kollha, hi sodisfatta li dan il-fatt gie ppruvat skond il-ligi, u dan senjatament bid-deposizzjoni tas-Surgent Attard. Infatti jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-appellant kien diga hejja apparat bizzejjed biex dak li jkun ikun jista’ jaqbad l-ghasfur kif appena jigi vicin id-*decoy*. Huwa veru li jirrizulta li ma kienx ghadu thejja l-“armar” kollu (kien ghad baqa’ xi ghasafar fil-vettura li l-appellant kien mar biha fuq il-post), izda, kif inghad, kien hemm xbieki bil-lasti lesti li kienu sufficjenti biex almenu jinqabad ghasfur wiehed. Inoltre, kif jirrizulta kemm mid-deposizzjoni ta’ l-imsemmi Surgent kif ukoll minn dik tal-Kuntistabbli, meta l-appellant gie mgharraf kemm kienet il-multa li normalment wiehed jehel talli jkun qed jonsob minghajr licenzja, huwa wiegeb fis-sens li allura kien ser jibqa’ jonsob – indikazzjoni cara li anke l-appellant stess kien iqis lilu nnifsu bhala li qed jonsob ossia jipprova jiehu ghasfur.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------